



Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2019/2055(DEC)

21.1.2020

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implementazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea
għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima III – Il-Kummissjoni u l-aġenziji
eżekuttivi
(2019/2055(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Roberta Metsola

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbi, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' b'sodisfazzjon l-opinjoni tal-Qorti tal-Audituri ("il-Qorti") dwar il-kontijiet tal-2018 tal-Unjoni; jenfasizza li l-livell globali stmat ta' żbalji fl-infiq mill-baġit tal-Unjoni kien ta' 2,6 %, li huwa fil-limitu tal-istimi ta' żbalji għall-aħħar sentejn u ftit biss ogħla mil-livell rekord baxx ta' 2,4 % fl-2017; ifakk li l-livell limitu ta' materjali fil-mira huwa ta' 2 % u jistieden lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha biex tilħaq livell globali ta' żbalji taħt dak il-livell limitu;
2. Jiddispjaċiħ li l-Qorti ma weġbitx għas-sejħa ripetuta tal-Parlament biex tikkalkula l-livell stmat ta' żbalji fl-infiq b'mod spċificu għall-Intestatura III (Sigurtà u Ċittadinanza); jinnota l-ġustifikazzjoni tal-Qorti talli ma għamlitx dan, b'mod partikolari l-fatt li l-Intestatura III tirrappreżenta biss 2 % tal-pagamenti fil-baġit tal-2018; jieħu nota tal-awtovalutazzjoni tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni (DG HOME) li jistma livell ta' żbalji taħt il-livell limitu materjali ta' 2 %; jiddispjaċiħ li l-kampjun limitat ta' 18-il tranżazzjoni awditjati għall-2018 ma kienx biżżejjed biex il-Qorti tikkonferma dan ir-riżultat pożittiv; jappella għal kampjun akbar ta' tranżazzjonijiet awditjati biex iforni lill-awtorità baġitarja bl-informazzjoni meħtieġa ħalli tivaluta b'mod xieraq ir-riżultati miksuba f'dan il-qasam importanti ta' politika;
3. Jisħaq fuq l-importanza għall-Unjoni li l-Qorti tivaluta b'mod sistematiku u indipendenti r-rati ta' żbalji tal-oqsma kollha tal-baġit tal-Unjoni;
4. Jinnota bi tħassib id-disa' każijiet ta' suspect ta' frodi li ġew ikkomunikati lill-Uffiċċċeu Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) mill-Qorti fl-2018;
5. Jenfasizza li l-analiżi ta' segwitu tal-2018 magħmulu mill-Qorti tkopri 184 rakkmandazzjoni; jinnota li l-Kummissjoni implementat 76 % tar-rakkmandazzjonijiet b'mod komplut jew inkella fil-parti l-kbira tagħhom; jiddispjaċiħ li 11-il rakkmandazzjoni ma ġew implementati xejn; jikkondividli l-faż-za tal-Qorti li għandu jiġi implementat ippjanar aktar strutturat u dokumentat għall-valutazzjoni tar-riskji;
6. Jilqa' l-35 rapport speċjali ippubblikati fl-2018 mill-Qorti fost l-oqsma differenti tal-infiq tal-Unjoni li għandhom l-għan li jeżaminaw jekk twettqux l-għanijiet ta' politiki u programmi magħżula tal-Unjoni, jekk inkisbux riżultati b'mod effettiv u effiċċenti u jekk il-finanzjament mill-Unjoni għandux valur miżjud;
7. Jilqa' r-rapport speċjali tal-Qorti dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jindirizzaw ir-radikalizzazzjoni¹, iffinanzjat fost sorsi oħra mill-Fond għas-Sigurtà Interna (FSI) u l-Programm dwar il-Ġustizzja; jikkondividli mal-faż-za tal-Qorti li l-Kummissjoni għandha ttejjeb il-qafas għall-koordinazzjoni globali

¹ Rapport Speċjali Nru 13/2018 "Il-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni li twassal għat-terroriżmu: il-Kummissjoni indirizzat il-ħtiġijiet tal-Istati Membri, iżda b'xi nuqqasijiet fil-koordinazzjoni u l-evalwazzjoni".

tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Unjoni li jindirizzaw ir-radikalizzazzjoni, iżżeid l-appoġġ prattiku għall-prattikanti u għal dawk li jfasslu l-politika fl-Istati Membri, u ttejjeb il-qafas għall-valutazzjoni tar-riżultati;

8. Jilqa' l-fatt li l-Qorti ma sabitx nuqqasijet kbar fil-proċeduri ta' approvazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) u l-FSI u jilqa' wkoll il-fatt li hija taqbel mad-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni tal-Kummissjoni; jiddeplora, madankollu, il-fatt li tlieta mit-18-il tranżazzjoni eżaminati mill-Qorti kien fihom żbalji, li fosthom kien hemm tranżazzjoni ta' ġestjoni kondiviża waħda taħt l-AMIF li wriet rata ta' żbalji ta' 9,4 %; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza d-dgħufijiet sistemiċi identifikati mill-Qorti, bħal nuqqas ta' kontrolli *ex post* ta' dokumenti ta' sostenn f'każ ta' verifikasi amministrattivi *ex ante* tat-talbiet għall-ħlas; jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-kontrolli tal-proċeduri ta' akkwist organizzati mill-benefiċjarji tal-fondi fir-rigward tal-legalità u r-regolarità ta' proċeduri bħal dawn.
9. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb il-konformità tagħha mal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba².

² ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	13.1.2020	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	52 5 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Konstantinos Arvanitis, Malik Azmani, Pietro Bartolo, Nicolas Bay, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Saskia Bricmont, Damien Carême, Caterina Chinnici, Tudor Ciuhodaru, Clare Daly, Lena Düpont, Cornelia Ernst, Sylvie Guillaume, Balázs Hidvéghi, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Patryk Jaki, Assita Kanko, Fabienne Keller, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Roberta Metsola, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Nicola Procaccini, Emil Radev, Paulo Rangel, Terry Reintke, Ralf Seekatz, Michal Šimečka, Birgit Sippel, Sylwia Spurek, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Tom Vandendriessche, Bettina Vollath, Elena Yoncheva, Javier Zarzalejos	
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Damian Boeselager, Patrick Breyer, Delara Burkhardt, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Monika Hohlmeier, Beata Kempa, Ondřej Kovařík, Kris Peeters, Robert Roos, Miguel Urbán Crespo, Loránt Vincze, Petar Vitanov, Axel Voss, Maria Walsh	
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Lukas Mandl	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

52	+
PPE	Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Lena Düpont, Balázs Hidvéghi, Monika Hohlmeier, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Roberta Metsola, Kris Peeters, Emil Radev, Paulo Rangel, Ralf Seekatz, Loránt Vincze, Axel Voss, Maria Walsh, Javier Zarzalejos
S&D	Pietro Bartolo, Delara Burkhardt, Caterina Chinnici, Tudor Ciuhodaru, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Birgit Sippel, Sylwia Spurek, Petar Vitanov, Bettina Vollath, Elena Yoncheva
RENEW	Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Moritz Körner, Ondřej Kovařík, Maite Pagazaurtundúa, Michal Šimečka, Ramona Strugariu
VERTS/ALE	Damian Boeselager, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Damien Carême, Alice Kuhnke, Terry Reintke, Tineke Strik
ECR	Lucia Ďuriš Nicholsonová, Patryk Jaki, Assita Kanko, Beata Kempa
GUE/NGL	Konstantinos Arvanitis, Clare Daly, Cornelia Ernst, Miguel Urbán Crespo

5	-
ID	Nicolas Bay, Tom Vandendriessche
ECR	Robert Roos
NI	Kostas Papadakis, Ann Widdecombe

1	0
ECR	Nicola Procaccini

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni